MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Numru. 770/2011

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Sandro Zarb)**

**Vs**

**Aleksei Kostin**

Il-Qorti,

Rat ir-rapport guramentat li bih il-Prosekuzzjoni, peress li Aleksei Kostin maghruf minn issa l-quddiem bhala “l-estradant” hu mfittex mill-Awtoritajiet Gudizzjarja tal-Estonja sabiex jiskonta piena imposta fuqu wara pattegament f’proceduri kriminali dwar reati ta’ serq bi vjolenza kif indikat fl-anness mandat ta’ Arrest Ewropew numru 1-09-16812 talbet sabiex tipprocedi kontra l-

estradant skond il-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Avviz Legali 320/2004.

Rat ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali skond l-Artikolu 7 tal-imsemmi Avviz Legali (fol 5 tal-atti).

Rat il-Mandat ta’ Arrest Ewropew in ezami a fol 6 sa fol 17 ibid u r-ritratti annessi mieghu.

Rat id-decizjoni Taghha moghtija fid-19 ta’ Lulju 2011 li biha din il-Qorti ddecidiet illi l-kondotta in ezami tikkostitwixxi “an extraditable offence” u ghalhekk Ordnat li dawn il-proceduri jitkomplew skond l-artikolu 13 tal-istess Avviz Legali.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Lulhu 2011 (fol 23 u fol 24 ibid) minn fejn jirrizulta illi “F’dan l-istadju qed issir opposizjoni ghall-estradizzjoni lejn l-Awtorita Gudizzjarja tal-Estonja minhabba l-fatt illi l-kondizzjonijiet tad-detenuti f’habsijiet ta’ dan il-pajjiz jistghu jinvolvu trattament inuman u degradanti fil-konfront tal-estradant u dan in vjolazjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea kif saret part tal-ligi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta” u “A bazi ta’ dan l-estradant qed jitlob referenza lill-Qorti Kostituzzjonali”.

Rat id-decizjoni moghtija fil-21 ta’ Lulju 2011 in konnessjoni ma din it-talba (fol 71 et seq ibid) u li a bazi taghha din il-Qorti laqghet it-talba ghar-referenza ta’ dan il-kaz kif mitluba u Ordnat li dawn l-atti jingiebu quddiem il-Prim Awla tal-Qrati Civili ghad-decizjoni fuq il-mertu tal-istess referenza u li l-istess atti jigu rinvijati lura meta ssehh id-decizjoni finali waqt li t-terminu ta’ dawn il-proceduri qed jigi sospiz.

Rat id-decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sedi Kostituzzjonali) moghtija fl-14 ta’ Novembru 2011 li minnha ma gie interpost l-ebda appell, bit-terminu ghal dan jiskadi fl-24 ta’ Novembru 2011.

Rat li l-atti kollha gew rinvijati lil din il-Qorti fl-24 ta’ Novembru 2011.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-imsemmija sentenza finali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sedi Kostituzzjonali) dak li talab l-estradant, in opposizzjoni ghall-estradizzjoni tieghu, kien gie michud u ghalhekk din il-Qorti tista’ tissokta b’dawn il-proceduri skond l-artikolu 13 li jittratta dwar “bars to extradition” tenut kont ta’ dak li ddecidiet il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sedi Kostituzzjonali) ma jidhirx li jista’ jissusisti xi wiehed mill-artikoli elenkat f’dan l-artikolu subinciz (1). Ghalhekk ser tipprocedi  sabiex tiddeciedi il-kaz skond l-artikolu 23 tal-istess Avviz Legali. Dwar dan jigi rilevat illi l-piena inflitta fuq l-estradant mill-Awtorita Gudizzjarja involuta kien ir-rizultat ta’ pattegament. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-istess piena giet inflitta fl-assenza tieghu. Ghalhekk ser tipprocedi skond l-Artikolu 24 tal-istess Avviz Legali. Pero il-Qorti tirrileva wkoll illi l-estradant qed jiskonta piena karcerarja hawn Malta. Din il-piena tigi skontatat fit-18 ta’ Dicembru 2011 u ghalhekk jkun opportun illi, qabel ma jigi mreggi lura, l-estradant jiskonta din il-piena.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tordna li l-estrdant jinzamm taht kustodja sabiex jistenna t-treggija tieghu lejn l-Awtorita Gudizzjarja barranija involuta. L-istess treggija ghandha ssehh wara li jiskadu sebat (7) ijiem minn meta l-estradant jispicca jiskonta l-piena msemmija inflitta mill-Qrati Maltin. Inoltre din l-Ordni qed tinghata soggetta ghar-‘rule of speciality’.

Hawnhekk il-Qorti infurmat lill-estradant illi hu jista’ jappella minn din l-Ordni quddiem il-Qorti tal-Appell kif ukoll li f’kaz li xi dritt tieghu nkiser, qed jinkiser jew ser jinkiser hu ghandu d-dritt li jitlob rimedju skond il-Kostituzzjoni ta’ Malta u/jew taht il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------